# U l-qagħda tal-Maltin x'kienet?

Fl-aħħar artiklu tiegħi urejtkom x'kienet il-qagħda tal-Franċiżi f'Malta waqt l-imblokk tagħhom fil-Belt u l-Kottonera. Qagħda xejn sabieħa! Iżda wieħed ma għandux jaħseb li l-Maltin, għax ma kienux imblokkati, kienu f'xi qagħda ta' min jgħir għaliha. U fuq din il-qagħda tal-Maltin sejjer inkellimkom illum.

F'dokument li nstab qalb il-karti ta' Lord Nelson hemm miktub li fit-12 ta' Ottubru 1798, xahar u għaxart ijiem mill-bidu tar-rewwixta, kien hemm 10,000 Malti taħt l-armi tan-nar jew armi oħra. Dawn kienu mqassmin hekk: 1,000 f'Samrat, 4,000 f'San Ġużepp (illum il-Ħamrun), 500 f'San Gwann, 500 oħra fuq Kordin, 700 f'Ħaż-Żabbar u 800 fiż-Żejtun.

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

## KIF KIENU ARMATI?

Iżda dawn ma kienux kollha armati kif kien meħtieġ. Fi stqarrija li Deputazzjoni Maltija għamlet lir-Re ta' Napli (u Sqallija) meta talbitu għajnuna ta' munizzjon u ta' ikel, id-Deputati qalu li tajjeb jew ħażin, kellhom 3,200 raġel forniti bl-azzarini, iżda bla bajjunetti, u minn 6,000 sa 7,000 armati bil-bsaten ippuntati, oħrajn kellhom min xabla jew ħatar, min stanga, jew midra, jew mannara.

Is-suldati Maltni bħala regola kellhom l-ilbies tagħhom ta' kampanjoli jew kaċċaturi. Il granatieri kienu jilbsu ġlekk ikħal tad-drapp ta' Malta u berritta tal-ġild tal-fenek, imsejħa "karpas".

Mal-bidu tar-rewwixta, barra l-armi li nstabu. inġabru wkoll il-kanuni mit-Torrijiet tal-plajja. B'hekk il-Maltin setgħu jimmuntaw 12-il kanun: 2 fuq Kordin, 4 f'Samrat, 2 jew 3 f'kull kamp. Barra minn dawn kellhom xi 30 kanun ieħor li jiġġerrew minn post għall-ieħor skond il-ħtieġa. Dawn il-kanuni kienu ta' kalibru differenti, iżda ma tantx qawwi. Iż-żewġ kanuni ta' Kordin biss setgħu ilaħħqu sal-Port il-Kbir.

Iżda x'iservi li jkollik ftit armi, jekk imbagħad ma jkollokx bombi, balal u porvli għalihom? U din kienet il-kundizzjoni tal-Maltin.

## GHAJNUNA BARRANIJA

Id-Deputati Maltin stqarrew li l-Ingliżi u l-Portugiżi, li kienu qegħdin igħinuhom fl-imblokk, tawhom 1,300 xkubetta u krietel tal-porvli għal 3,300 muskettier, u magħhom 35 kanun tal-ħadid — l-aqwa fosthom ta' kalibru 18, li tqassmu f'postijiet 'l hawn u 'l hinn.

Meta, fit-28 ta' Ottubru, il-Franċiżi f'Għawdex ċedew l-armi, ħallew f'idejn l-Għawdxin 7 kanuni ta' kalibri minn 6 sa 18 u ħames krietel porvli għal kanuni.

Xi ngħidu mbagħad għal proviżjon tal-ikel? Il-Maltin għaddew żmien ikrah minħabba n-nuqqas ta' qamħ. Għax wieħed għandu jkun jaf li Malta kienet timporta l-qamħ minn Sqallija u l-Eġittu, u l-Università — azjenda bankarja u kummerċjali — kienet kultant żmien tagħmel ħażniet ta' qamħ li jistgħu jservu għall-popolazzjoni kollha matul tant żmien. Qabel Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi, kien hemm ħażna ġmielha ta' qamħ. Iżda l-biċċa l-kbira tal-ħażna kienet fil-Belt u madwarha u fil-Kottonera, sew sew fl-inħawi fejn kienu mblukkati l-Franċiżi.

Għalhekk, kif ġà għidna, id-Deputazzjoni Maltija għamlet talba lir-Re ta' Napli biex jibgħat Malta sew munizzjon tal-gwerra, kif ukoll proviżjon ta' ikel, speċjalment ta' qamħ. Is-sultan bagħtilhom ħażna ġmielha, iżda wara 5 xhur dik il-ħażna spiċċat.

(Ikompli f'Paġna 14)

## *U l-qaghda tal-Maltin x'kienet?*

(Jaqbad mill-Paġna 2)

Għalhekk fis-26 ta' Jannar 1799, l-istess Deputazzjoni rrikorriet għand Lord Nelson, urietu l-biża' tagħha li l-Maltin setgħu, minħabba n-nuqqas ta' ikel, iċedu lill-Franċiżi u jtemmu l-imblokk. Infatti fl-aħħar tal-istess xahar il-Maltin ma kellhomx biżżejjed qamħ għal jum wieħed ieħor biss.

**IL-PROVVIDENZA HASBET FIHOM**

Provvidenzjalment — u hawn qed niftakar fil-15 ta' Awwissu 1942 — bastiment imperjali kbir b'tagħbija kbira ta' qamħ daħal fil-Bajja ta' San Pawl u biegħ dak il-qamħ lil Malta. Fl-ewwel ta' Frar Captain Ball waqqaf xini oħra li kienet ser tidħol fil-Port u niżżel minn fuqha 350 kartell laħam taċ-ċanga u 50 kartell laħam tal-porku. U ma' dan l-ikel xi ħaġa x'wieħed jixrob niżżel ukoll — 53 żaqq (damiġjana) imbid.

Il-Maltin kienu neqsin ukoll mill-faħam u l-ħatab u jingħad li f'xi mumenti bdew ikissru u jaħirqu s-slielem twal tal-assalti biex isajru l-ikel bihom.

Il-ħażin kien ukoll li l-Maltin ma kellhomx flus likwidi biex iħallsu l-merkanzija li kienu jridu jixtru, għaliex il-biċċa l-kbira tal-għonja Maltin, bil-flejjes tagħhom, kienu fl-ibliet u l-Franċiżi qaxxruhom ħajjin minn kull sold li kellhom, imbagħad maż-żmien, bagħtuhom 'il barra. Iżda l-Università u l-Kapijiet Maltin għamlu tajjeb b'garanziji li jħallsu, iżjed 'il quddiem id-djun tagħhom, għax anqas kellhom wisq prodotti x'ibiegħu.

Jgħid xi ħadd: Imma l-Maltin fil-kampanja ma setgħux jaħdmu l-għelieqi u jkollhom qamħ, ħaxix u frott kemm iridu? Le, l-ewwelnett, għax il-prodotti ma jinbtux malajr; fit-tieni lok, għaliex il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel kienu fuq l-armi lesti dejjem jew biex jattakkaw jew biex jiddefendu u, fl-aħħarnett, għan il-ħluq x'titma' kienu ħafna.

Iżda maż-żmien il-qagħda bdiet titjieb u fil-bidu tassena 1800 il-Maltin bdew jieħdu r-ruħ, filwaqt li l-Franċiżi issuktaw jaqtgħu qalbhom tant li fil-5 ta' Settembru huma kellhom iċedu u jitilqu lil Malta. Hekk temm l-imblokk.